# RECENSJONIJIET

**"L-EWWEL GHANA"** ta' Wallace Gulia — 2s. — Times of Malta, 1947.

Tnejn u erbgħin poeżija miġbura fi ktieb ta' 75 paġna jagħmlu flimkien l-*Ewwel għana* ta' Wallace Gulia. Huma l-ewwel għanjiet ta' student żagħżugħ li għandu għal qalbu s-sabiħ u jixtieq iqanqal f'ħadd ieħor l-imħabba lejn il-ġmiel li jħoss huwa nnifsu.

Żgħożija! Imħabba! Idijali! — Fuq dawn tinbena l-poeżija ta' Gulia, l-għanjiet li huwa jsemmagħalna "bil-ħeġġa tat-tgawdija li tferraħ il-ħolqien." Biex nilħqu l-idijali tal-ħajja jeħtieġ ninħallu mill-ktajjen tal-konvenzjonijiet tad-dinja li jagħfsuna "b'irbit ta' fehmiet xwejħa li raw issnin." Jidher ċar li Gulia wieġeb għas-sejħa ta' Pisani fil-*Għid taż-Żgħożija*; iddakkar sewwa mill-ispirtu ta' qlubija li jġagħlu jċekken it-tfixkil u ma jarax il-kruha ta 'l-ikrah. Irid ix-xemx ta' Mejju biex jiġri kemm irid il-qalb l-aħmar tal-pepprin, u biex il-qalb ma tibqax vojta jeħtieġ timtela bl-Imħabba. Twila t-triq, u kerha; imma mhux b'daqshekk neżgħu lura. Le!

"*Nibqgħu sejrin*
*bit-tama qawwijin*
*li għad noħorġu rebbeħin.*"

Dan l-ottimiżmu jaħbat waqtiet jintefa minn dell ta' swied il-qalb li donnu waqa' kmieni wisq fuq Gulia biex ikun ġenwin għalkollox. Imma jista' jkun li dan ġej min-nuqqas ta' l-esperjenza tal-ħajja li, kif qal il-Professur Aquilina, Gulia għadu ma ġarrabx. Li ma kienx hekk kieku kif taqbad tfissirha dik li wieħed li għadu "dieħel fiż-żgħożija" jħoss telqa mejta ma' ġismu kollu u l-ispirtu jinfexx fl-għajta "Għajjien, Mulejja, nħossni!" Mhux xieraq li min iħeġġiġna biex qatt ma naqtgħu qalbna minn xejn iħossu mirbuħ meta għadu kemm kemm beda jiġġieled, u jixtieq "ixerred dmugħ jaħraq u jġelben". Imma jekk tara l-poeżiji kollha ssib li jekk għandu xi ħaġa x'igħidilna, Gulia irid li aħna nħarsu dejjem 'il fuq. Bħal *Rabbi Ben Ezra* jgħidilna "*Look not thou down, but up!*"

Għoġbuna ż-żewġ ballati fuq San Luċjanu u fuq is-*Susan ta' l-Egħjun*. Laqatna wkoll l-ispirtu ta' patrijottiżmu li jqanqal il-poeżija *Lill-Għannejja tal-Wied*—spirtu mħeġġeġ mill-poeżija ta' Dun Karm li b'riħitha Gulia huwa wieħed, kif jikteb f'*Lil Malta*, miż-żgħażagħ imġenna jġerru s-sbieħ ta' l-ilwien ħomor u bojod li nibtu mill-għana mfawwar ta' l-akbar poeta Malti, Dun Karm.

*L-Ewwel Għanjiet*! Issa *l-ewwel* ifisser bidu, u l-Malti jgħidilna "Kull mibdi mitmum". Gulia beda tajjeb u nittamaw li meta, kif qal il-Prof. Aquilina, jintrefa' ċ-ċpar ta' qabel is-sebħ, il-muża ta' Gulia tgħaxxaqna bi ġmielha u bi ħlewwietha għall-ġid ta' Malta u l-Poeżija Maltija.

G. C. P.